Nicholas Grech
Male Ward 3A,
Sptar Monte Carmeli,
Triq Notabile,
Attard.
Data: 27 ta' Novembru 2016.

Kummissarju ghas-sahha mentali, Dr. John Cachia,

Mil ftit li naf, l-artiklu dwar is-Sahha Mentali jghid ukoll li "kull eventwali talba tieghi lill-Ministru ghall-Gustizzja jew lill-Qorti" trid issir via l-Psikjatra ghax bil-ligi l-gdida flok 'l quddiem morna lura ghax lanqas hallew dinjita lill-pazjent li jibqa' jikteb hu f'ismu stess. Issa l-kwistjoni tieghi hi bejni u l-Psikjatra, allura kif tippretendi li mmur quddiemu biex iressaq it-talba tieghi? Forsi jfisser li ghax qieghed hawn "b'decisjoni ta' l-istess Qorti" jfisser li l-Psikjatra jista' joqtolni, igibni nkapacitat kif gabni, u jaghmel bija li jrid u int bhala Kummissarju tibqa' idejk fuq zaqqek ma tiehux passi?

Jien nemmen li bhala Kummissarju ghandhekk tizgura qabel kollox li tithares is-sahha ta' kull pazjent indipendentament jekk hux bil-Qorti jew le. Ma jistghax ikun jibqghu ituni injection / kura li m'ghandix bzonn, li tkun qed taghmilli hsara bil-fatti, li tkun qed tipperikolali u tihodli sahhti, u jinjoraw is-side effects gravi taghha u dan meta ghadni fl-ewwel 7 xhur taghha, mela meta jghaddu s-snin x'se jigri minni. Jista'  l-Psikjatra jibqa' jinjora dawn is-side effects u ghandi dritt ingawdi sahhti? Nerga nghid li l-Psikjatra qed ikun bla skrupli meta biex jissalvagwarda dak li ormaj lahaq kiteb fil-perizja bbazata fuq affarijiet mhux veri li jien ghidt (cioe li waqaft niehu l-kura mhux minn xi sentejn qabel gejt arrestat imma hafna qabel kif juru kaxxi tal-pirmli datati 2005 li ghandi ghadhom mhux mittifsa), lest jirrovinali hajti, karriera u sahhti u ghaldaqstant hemm bzonn taghmel xi haga malajr ghax din hi haga serjissima.

Meta int semmejt li ma tiehux decizjoniiet klinici "dwar id-djanjozi ta' pazjent jew il-kura proposta lilu" m'intix tirrejalizzza r-rwol krucjali kbir li ghandhekk f'dan il-kaz meta l-Psikjatra qed ikun ossesjonat irid jibqa' jtini l-injection sempliciment ghax hekk kien ftiehem mieghek f'April li ghadda quddiem it-Tribunal u xejn aktar. L-agir tieghu li jarani darba f'mitt qamar (minkejja li qieghed fi sptar ahseb u ara kieku qed barra) u l-fatt li fil ftit li rani qatt ma kellimni jew staqsini fuq is-sintomi tal-marda li suppost qed inbati minna (dan bhal meta wiehed ibati minn ugigh ta zaqq, il-kliem jigi wahdu jekk ghadux ihoss ugigh, mhux qatt ma jsemmi xejn) jkompli juri li hu jaf li ma nbati mill-ebda marda.

Xi haga li ghandhekk tinvestiga wkoll hu kif ghal kull haga ta' xejn jikkundannawk schizophrenic, qisu 'a catch all interpretation' ghal kull haga li ma jafux minn x'hiex gejja (bhalma kien il-kaz tal-malarja fl-antik meta kollox kienu jwahhlu fl-arja hazina), marda mhux cajta li fuq kollox hi marda kronaka li jfisser li m'hemmx fejqan ghaliha, u ggib ruhek sew kemm iggib ruhek sew xorta jibqa' jikkundannak ghall-ghomrok ta' marid. Haga ohra li ghandhekk tara hu li l-Ministru ghall-Gustizzja qed abbuza mill-pozizzjoni tieghu meta joqghod jibghat ghall-pariri ta' l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija meta l-Qorti flok habs baghtitni fi sptar u ghaldaqstant ma jistghax joqghod jiehu l-pariri ta' kull proxxmu imma ghandu joqghod fuq pariri li japplikaw biss, f'dak il-kaz dak mediku, u mhux izomni maqful ghal diversi snin sempliciment nistenna sakemm dawn, li l-parir taghhom hu barra minn loku, jirrispondu. X'jigri jekk il parir ikun fin-negattiv? Fil-kaz tigi ironika jekk nibqa' maqful fi sptar u suggett ghall-kura ghax jigi kaz kriminali. U min se jirrispondi ghal din l-ingustizzja u l-anomalija li nkun inzammejt ghal dawn is-snin kollha go sptar ghalxejn?

Fl-ahharnet nghidlek li facli tahsel idejk mill-haga imma zomm fuq il-kuxjenza tieghek illi l-ingustizzji li qed isehhu mieghi qed fl-ahhar mill-ahhar ikollok sehem minnhom int ukoll ghax qed tibqa' ma tiehux passi minkejja s-sens komun, minkejja li gharraftek dwarhom, u minkejja r-rwol tieghek.

Dejjem tieghek,

______________________________
Nicholas Grech (ID no: [redacted]M)